MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru. 25/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Roberta Mulvaney**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Roberta Mulvaney ta' 27 sena, bint Daniel u Catherine nee` Cauchi, imwielda l-Pieta` fit-2 ta' Dicembru 1977, residenti 88, 'Redentur', Triq ir-Rinella, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 96878(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Lulju 2005 u matul il-jiem ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ittentat taghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew hajjret jew geghlet persuna ohra taghmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009, xehdet **Nadia Lanzon**[1], li qalet illi f'dan il-kaz, kienet instabet xi sustanza suspettata droga gewwa l-Isptar Monte Karmeli, liema sustanza nstabet taht imhadda ta' certa Bernice Decelis. Da parti taghha, meta giet interrogata, l-imputata ghall-ewwel innegat kollox, pero` sussegwentement ammettiet li kienet ftehmet ma' Decelis li kellha ggib xi droga mill-Qorti u li kienet ftehmet ma' certu persuna, izda dan ma giex il-Qorti. L-imputata marret lura lejn l-Isptar u dakinhar stess jew l-ghada, marret mara tara lil Decelis, gewwa l-Isptar, u kienet din il-persuna li ghaddiet id-droga lil Decelis. Id-droga li nstabet, skond l-imputata, kienet id-droga li kienet gabet Decelis. Dwar din il-persuna li allegatament hadet id-droga lil Decelis, l-imputata setghet tghid biss li kienet mara u li kellha xagharha twil iswed.

[1] A fol. 15 sa 17 tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha fis-6 ta' Lulju 2005[2], wara li inghatat it-twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq taghmel dan, imma li dak li tghid jista' jingieb bhala prova, **l-imputata** qalet illi Decelis u hi jorqdu fl-istess dormitorju gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Qalet illi hija ghandha l-vizzju tad-droga eroina, li ma kinitx taf meta kienet ghamlet uzu l-ahhar mill-istess droga u nnegat illi l-ahhar li abbuzat mid-droga kien fl-ahhar jumejn jew tlieta gewwa l-Isptar. Lanqas ma kienet taf jekk Decelis abbuzatx mid-droga fl-ahhar tlett ijiem gewwa l-istess Sptar. Kienet taf illi nstabet *foil* bl-eroina mahruqa fl-investa ta' Decelis, izda mistoqsija minn fejn kienet gabet din id-droga Decelis, hija wiegbet li ma kinitx taf. Meta gie ssuggerit lilha illi hi kienet qalet lill-pulizija illi Decelis kienet ghamlet arrangament maghha sabiex l-imputata ggibilha xi droga eroina u tat il-flus lill-istess imputata, hija wiegbet fl-affermattiv u qalet hekk: "*Berenice talbitni biex nara jekk niltaqax ma' xi hadd biex inkun nista' ndahhal l-eroina Mount Carmel sabiex tehodha hi ghax beda jugaghha darha u bdiet thossha sick u tatni Lm10 u talbitni ingibilha xi zewg pakketti. Dan kien nhar it-Tlieta cioe` il-bierah f'xi 9:00am. Jiena tlajt il-Qorti akkumpanjata ma' nurse u social worker u fil-Qorti iltqajt ma' habib tieghi li ma nafx x'jismu u tajtu l-flus cioe` Lm20 izda qabel issellift Lm10 minghand is-social worker u tlabtu jgibli nofs gramma u jgibili gewwa l-Isptar Monte Carmeli u hu qalli li kien tiela tlett sighat ohra. Dan pero` baqa' ma giex u dak in-nhar cioe` il-bierah ghal habta tad-9.00 p.m. giet persuna illi kienet mara izda li jiena ma rajtiex sew ghax ittawwalt mil-bieb u ma nafx niddeskriviha hlief li kellha xaghrha twil iswed u naf li din il-mara tat id-droga eroina lil Berenice. Dan jiena nafu ghax qaltli Berenice dik il-gurnata stess wara li telqet din il-mara u wkoll urietni nofs gramma eroina li kienet go borza tal-plastik.*" [sottolinear tal-Qorti].

B'referenza ghal din id-droga, l-imputata qalet illi kienet taf illi Decelis tefghet id-droga fuq il-*foil* u ppruvat tahraqha, izda ma rnexxilhiex ghax il-*lighter* inkissret. Hi kienet ser tieghu d-droga ma' Decelis, izda spiccat ma hadet xejn. Decelis poggiet id-droga fl-investa tal-imhadda taghha u ftehmu li forsi l-ghada

[2] A fol. 13 u 14 tal-process.

filghodu jiddobbaw *lighter* ohra u hi bdiet ittella jew tnizzel jekk tiehux id-droga jew le. Dakinhar stess, filghodu dahlu n-*nurses* fid-dormitorju u bdew ifittxu u sabu l-*foil* fl-investa ta' Decelis. L-imputata qalet ukoll illi huma bdew jaharqu l-ewwel linja meta nkissret il-*lighter*. Kien hemm zewg linji, wahda ghaliha u l-ohra ghal Decelis u dik kienet id-droga kollha li kien hemm fil-pakkett. Skond l-imputata, hija ma lahqitx hadet droga. Qalet ukoll illi x'hin waslet l-Isptar mill-Qorti, hija talbet lil Decelis sabiex taghtiha Lm10 ohra u dan sabiex hi tkun tista' taghtiha lura lis-*social worker* li kien sellifha Lm10 il-Qorti. L-imputata cahdet li kienet hi li dahlet l-eroina gewwa l-Isptar Monte Karmeli u li kienet gabet id-droga minghand il-persuna li kienet ltaqghet mieghu l-Qorti. L-imputata baqghet ma ffirmatx din l-istqarrija.

Illi mir-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud[3], liema relazzjoni tifforma parti mill-atti tal-inkjesta redatta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna dwar dan il-kaz, jirrizulta illi nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq iz-zewg bicciet tal-*foil* li gew mghoddija lilu minn PC 94 J. Farrugia, liema espert kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti bhala *Scene of the Crime Officer* u eleva zewg bicciet *foil* li gewwa mghoddija lilu minn PC 17 fl-Isptar[4]. L-Ispizjar Mario Mifsud ikkonferma r-relazzjoni tieghu fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2012.[5]

Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **PC 453 Brian Cassar**[6], li kkonferma r-relazzjoni tieghu u ta' PC 94 J. Farrugia, esebita minnhom fl-atti tal-inkjesta in kwistjoni u li kien hu illi ha zewg ritratti tal-post fejn instabu l-oggetti relatati mal-abbuz tad-droga u ta' dawn l-oggetti ossia bicctejn *foil*.

Fis-seduta tas-26 ta' April 2013 xehdet **Bernice Decelis**[7], illi kien instabilha pakkett eroina ta' Lm10 taht l-imhadda taghha gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Dak iz-zmien, hija kellha l-vizzju tad-droga u missierha kien dahhalha fl-Isptar

---

[3] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 6 *et seq* tal-*proces verbal*, esebit a fol. 20 tal-process.
[4] Ara relazzjoni ta' PC 94 Jack Farrugia u PC 453 Brian Cassar, a fol. 19 *et seq* tal-*proces verbal.*
[5] A fol. 40 u 41 tal-process.
[6] A fol. 21 u 22 tal-process.
[7] A fol. 45 sa 58 tal-process.

biex tohrog mill-vizzju. Maghha gewwa l-istess Sptar kien hemm habiba taghha, l-imputata, li kienet iltaqghet maghha hemmhekk. Skond ix-xhud, il-pakkett eroina li nstab taht l-imhadda taghha kienu sabuh fuq it-tieqa. Hi kienet tat Lm10 lill-imputata sabiex iddahhlilha d-droga eroina, ghax kienet qeghda *sick,* izda d-droga ma dahhlithiex l-imputata. Qalet illi dak iz-zmien kellha hmistax-il sena u hawwdet fid-diskors meta giet interrogata, izda issa li kienet qeghda bil-gurament, xtaqet tghid il-verita`. Ftakret li dak iz-zmien ttehditilha stqarrija, li ghaliha ma riditx twiegeb, u sussegwentement, irrilaxxjat stqarrija ohra, li ghaliha wiegbet, izda skond hi, wiegbet ghaliex bezghet u li kienet ghadha zghira. Skond ix-xhud, bezghet minn ommha u missierha ghaliex missierha kien dahhalha gewwa l-isptar ghall-gid u hi minflok, spiccat imressqa l-qorti. Ghalhekk ix-xhud qalet illi meta rrilaxxjat it-tieni stqarrija, hija hawwdet naqra, dak iz-zmien kienet imhawwda, kienet ghadha mohhha fid-droga u kienet ghadha thobb dik il-hajja. Izda issa kienet qeghda bil-gurament. Meta giet mistoqsija ghaliex kienet qeghda l-Isptar Monte Karmeli fiz-zmien tax-xhieda taghha, hija wiegbet illi "*kont niehu d-drogi u rrid nirranga*", li dahlet minn jeddha ghaliex qabditha *depression* minhabba l-abbuz tad-droga. Mistoqsija meta kienet kellmet lill-imputata l-ahhar darba, hija qalet illi l-imputata habiba taghha u kellmitha barra l-awla dakinhar ukoll, ghalkemm ma kinux hbieb fis-sens li jiltaqghu. Ghamlu zmien flimkien gewwa l-Isptar u anke fi programm, izda mbaghad infirdu. Mistoqsija jekk kinitx qeghda tibza' meta rrilaxxjat l-ewwel stqarrija, fejn ma wigbitx, ix-xhud qalet illi kienet insiet, izda ftakret illi meta giet ghat-tieni stqarrija, hija bezghet ghax imbaghad fehmet.

Ix-xhud regghet qalet illi l-imputata ma dahhlitilhiex droga, izda li hija tatha Lm10 biex idahhlilha d-droga eroina. Qalet illi mhux l-imputata biss riedet id-droga, izda hija riedet id-droga wkoll. Skond ix-xhud, l-imputata la dahhlet eroina u lanqas l-Lm10 ma tatha lura. Hija tat il-flus lill-imputata biex iggib id-droga. Qalet illi l-imputata kellha tiltaqa' ma' wiehed il-Qorti u ftehmu biex l-imputata ggib l-eroina. Kienet ix-xhud li qalet lill-imputata biex iggibilha l-eroina. L-imputata qaltilha li kienet ser iggib id-droga, izda ma haditilhiex. Meta kkonfrontata bil-fatt illi fit-tieni stqarrija, hija kienet tat verzjoni differenti, x-xhud qalet illi llum kienet qeghda tghid il-verita`. B'referenza ghad-droga li nstabitilha taht l-imhadda, hija qalet illi ma setghetx tiehu d-

droga ghaliex inkissritilha l-*lighter* u halliet il-*foil* taht l-imhadda. Qalet illi kienu sabu d-droga fuq it-tieqa tal-kamra fejn kienu jpejjpu gewwa l-Isptar, izda sussegwentement qalet illi kienet wahedha meta sabet din id-droga. Ix-xhud regghet insistiet illi issa kienet qeghda tghid il-verita` u li dak iz-zmien kienet ghadha mohhha fid-droga, fil-waqt illi llum il-gurnata taf li dik mhix hajja. Ix-xhud regghet ikkonfermat illi hija kienet talbet lill-imputata sabiex iggibilha d-droga, izda li l-imputata ma gabitilha xejn.

Ghal fini ta' kontroll tax-xhud Bernice Decelis, l-Ufficjal Prosekutur esebixxa zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-istess Decelis fis-6 ta' Lulju 2005 u fit-2 ta' Awwissu 2005 rispettivament.[8]

Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014 xehdet **Roberta Mulvaney**[9], li qalet illi fiz-zmien in kwistjoni hija kienet qeghda l-Isptar Monte Karmeli u kienet ghadha kif qabdet l-abbuz tad-droga. Kienet dahlet hemmhekk sabiex tipprova tirrijabilita ruhha. Hija qalet illi Bernice Decelis tatha l-flus, xi Lm20, u peress illi l-imputata kellha l-Qorti, Decelis talbitha sabiex tipprova ssib lil xi hadd li seta' jipprokura d-droga u skond hi, tghidlu biex ihallihielhom fuq it-tieqa tal-Isptar. Hija marret il-Qorti man-*nurses*, iltaqghet ma' xi hadd li ma kinitx indikatulha Decelis, ghaliex Decelis kienet qaltilha biex tipprova ssib lil xi hadd, u lanqas ma jidhrilha li hi (cioe` l-imputata) kienet tafu sewwa. Hi marret il-Qorti biex forsi ssib lil xi hadd, izda skond hi, ma kellha lil hadd partikolari f'mohhha. L-imputata qalet li Decelis qaltilha li jekk tara lil xi hadd li kellu l-vizzju tad-droga kienet ser taghrfu, li jekk tiltaqa' ma' xi hadd habib taghhom li jafhom, hi kellha taghtih l-Lm20 u tghidlu biex ihalli d-droga fuq it-tieqa tal-Isptar. Mistoqsija ghal min kienet id-droga, hija qalet illi kienu ser jaqsmuha hi u Bernice, qalet illi l-flus kienu ta' Decelis, izda li ovvjament kienet ser tiehu ftit minnha hi wkoll. Hi qalet illi dan kien pakkett biss u li hi marret il-Qorti u tat il-flus lil xi hadd li ma kinitx tiftakar ismu. Qalet illi hija waqfet titkellem ma' din il-persuna u talbitu jaghmlilha pjacir, tatu l-flus u hu accetta u qalilha li kien ser jigi bid-droga fit-tali hin, fuq it-tieqa ta' Monte Karmeli. Mistoqsija mill-Qorti fejn kellu

[8] A fol. 59 sa 62 tal-process.
[9] A fol. 82 sa 90 tal-process.

jhalli d-droga u fuq liema tieqa, hija rreferiet ghat-twieqi tal-*female ward 1,* li wiehed seta' jidhol gewwa l-Isptar biex jaghmel vizita, kemm bil-karozza kif ukoll bil-mixi u li hi qaltlu jhalliha f'tieqa minnhom. Qalet illi dan il-persuna kellu l-vizzju tad-droga, li hi taghtu l-flus, izda zamm il-flus ghalih u ma gabilha xejn. Qalet illi Decelis ghamlet in-nervi, li l-ghada din kellha vizita ma' missierha u ma' habiba taghha u wara li spiccat il-vizita, Decelis qaltilha li rnexxielha ggib pakkett. Qalet ukoll illi huma hallew lill-pazjenti jorqdu, marru fl-ahhar dormitorju u bdew jaharqu l-pakkett, izda l-*lighter* faqqghet u Decelis hbietha taht l-investa taghha. Sussegwentement saret tfittxija u fil-waqt illi lilha ma sabulha xejn, sabu l-oggetti taht l-imhadda ta' Decelis.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-ewwel imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-imputata hija dik ta' traffikar tad-droga eroina. M'huwiex ikkontestat mid-difiza u jirrizulta car kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-istess imputata u minn Bernice Decelis, illi fil-jiem indikati fic-*charge sheet* odjerna*,* Decelis kienet talbet lill-imputata sabiex tipprokuralha d-droga eroina u dan billi l-imputata kellha tmur il-Qorti. Jirrizulta wkoll illi Decelis tat Lm10 lill-imputata ghal dan il-ghan, u da parti taghha, l-imputata accettat li taghmel dan. Skond l-istess imputata, hija marret il-Qorti, ltaqghet ma' persuna ta' sess maskili (li skond l-istqarrija taghha kien habib taghha, izda ma kinitx taf x'jismu, izda skond ix-xhieda taghha, ltaqghet mieghu b'kumbinazzjoni u ma tantx kienet tafu), tatu l-flus u talbitu biex igibilha d-droga. Skond l-imputata, ghalkemm hija ftehmet ma' din il-persuna li kellu jgibilha d-droga gewwa l-Isptar Monte Karmeli billi jhalliha fuq xi tieqa li giet indikata minnha, dan baqa' ma tfaccax u ghalhekk spiccat kemm minghajr droga, kif ukoll minghajr il-flus li kienet tatu. Dwar x'gara minn hawn il-quddiem, jirrizultaw zewg verzjonijiet – skond l-imputata (dakinhar stess filghaxija skond l-istqarrija jew l-ghada skond ix-xhieda taghha), marret gewwa l-Isptar habiba ta' Decelis u din prokuratilha d-droga eroina u skond hi, meta ppruvaw jabbuzaw minn din id-droga, harrqu xi ftit minnha, izda l-*ligher* inkissret u skond l-istqarrija taghha, spiccaw m'abbuzawx minnha. Wara nstabet il-*foil* taht l-imhadda ta' Decelis. Skond ix-

xhieda ta’ Decelis, izda, fil-waqt illi taqbel mal-imputata illi din ma gabet l-ebda droga maghha, minkejja li din kienet accettat li ggibilha d-droga meta tmur il-Qorti u li ghal dan il-ghan kienet tatha wkoll Lm10, sussegwentement, hija sabet id-droga fuq it-tieqa tal-Isptar.

Jibda biex jinghad illi l-Qorti ma temminx il-verzjoni ta’ Decelis fis-sens illi hija kienet sabet id-droga fuq wahda mit-twieqi tal-Isptar. Din fiha nnifisha u wahedha diga` mhix verzjoni kredibbli ta’ kif hi giet fil-pussess tad-droga eroina u dan apparti wkoll illi x-xhud stess ammettiet fix-xhieda taghha, illi l-imputata hija habiba taghha. L-insistenza ta’ Decelis f’dawn il-proceduri li l-imputata baqghet ma gabitilha l-ebda droga, minkejja l-ftehim taghhom, qed tigi kkunsidrata mill-Qorti f’dan l-isfond, anke ghaliex il-Qorti ma temminx lil Decelis meta din tghid li fiz-zmien tal-istqarrija, meta allura tat verzjoni ohra dwar kif waslet id-droga ghandha, hija bezghet, kienet imhawwda u kienet ghadha fil-hajja tad-droga u li kien ghalhekk li qalet li qalet, kif lanqas ma temmen l-akkanitizmu taghha li f’daqqa wahda tghid il-verita` taht gurament, izjed u izjed ikkunsidrat il-fatt illi fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnha, Decelis ma wigbitx ghal hafna mid-domandi li sarulha u ghalhekk ma jidhirx li kienet qeghda tibza’ wisq, izda pjuttost li kienet taf l-affarijiet taghha sewwa. Issa f’dan ir-rigward, il-Qorti qeghda taghmilha cara illi minkejja li l-istqarrijiet ta’ Decelis gew esebiti fl-atti ta’ din il-kawza, il-Qorti ma strahet fuqhom <u>bl-ebda mod</u> ghal fini tal-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputata, kif ser jirrizulta izjed l’isfel fil-kunsiderazzjonijiet taghha, izda qaghdet esklussivament fuq dak li xehdu l-imputata u l-istess Decelis f’dawn il-proceduri, kif ukoll fuq l-istqarrija tal-istess imputata li wara kollox giet ikkorroborata wkoll mix-xhieda taghha stess.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Victor Gauci**</u>, deciza fis-26 ta’ Jannar 2001, “*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta’ xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta’ xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f’dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta’ dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f’dak li*

*jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."* U huwa proprju dan li qeghda taghmel din il-Qorti fis-sens biss illi l-Qorti ghar-ragunijiet fuq spjegati ma temminx illi Decelis sabet id-droga eroina fuq it-tieqa, kif qalet fix-xhieda taghha. Il-Qorti sejra ghalhekk tistrieh biss fuq l-ewwel parti tax-xhieda ta' Decelis, kif wara kollox korroborata wkoll mill-imputata, u dan ghal dak li jirrigwarda r-rikjesta li saret minn Decelis lill-imputata fis-sens illi din iggibilha d-droga eroina meta tmur il-Qorti, ghal liema ghan hija tat lill-imputata l-flus. Fir-rigward ta' kif waslet id-droga eroina fil-pussess ta' Decelis, il-Qorti m'ghandhiex provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi din kienet droga prokurata mill-imputata. Madankollu x'ghamlet l-imputata wara l-mawra taghha lejn il-Qorti u cioe` jekk haditx jew le maghha d-droga eroina lura lejn l-Isptar Monte Karmeli huwa ghal kollox immaterjali ghal fini tal-ewwel imputazzjoni ta' traffikar ta' droga eroina.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."* [sottolinear mizjud]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt <u>biss</u> illi l-imputata offriet li tipprovdi d-droga eroina lil Decelis, indipendentement minn dak li seta' gara

jew ma garax wara dan u independentement ghalhekk minn kemm kellha success o meno f'dan ir-rigward, ghal fini tal-ligi, hija traffikat id-droga eroina. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

*"Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna* ***toffri*** *li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11$^{th}$ Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776)."*

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

*"Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar".*

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, appena l-imputata accettat ir-rikjesta ta' Decelis illi hija tipprokuralha d-droga eroina meta tmur il-Qorti, kemm jekk din id-droga l-imputata kellha tipprokuraha direttament kif ukoll jekk indirettament, liema rikjesta l-imputata tant accettatha illi, fuq ammissjoni taghha stess, hija hadet il-flus ghal dan il-ghan minghand Decelis u anke talbet lil terza persuna gewwa l-Qorti sabiex jipprokuralha din id-droga, independentement mill-fatt jekk l-imputata rnexxilhiex o meno li tipprokura din l-istess droga lil Decelis, hija saret hatja ta' traffikar tad-droga eroina.

Fir-rigward kemm tat-tieni imputazzjoni, kif ukoll tas-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi semmai l-imputata ghandha tinstab hatja biss ta' attentat ta' traffikar, il-Qorti diga` ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ronald Psaila</u>**, fejn inghad bl-izjed mod car illi in kwantu si tratta ta' offerta li wiehed jipprokura d-droga, tali offerta tikkostitwixxi r-reat ikkunsmat ta' traffikar, indipendentement minn jekk dik l-offerta sussegwentement timmaterjalizzax fi prokurar ta' droga.  Mhux biss, izda kif intqal ukoll f'dik is-sentenza:

"*Is-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 <u>ma johloqx</u> ir-reat jew il-figura tat-tentattiv, izda sempliciment jipparifika, <u>ghall-finijiet ta' piena</u>, it-tentattiv ta' kull reat kontra l-Kap. 101 (kif ukoll certi forom ta' komplicita` … fid-dawl ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 9, hemm certament element ta' superfluwita`) mar-reat ikkunsmat*".

F'dan il-kaz l-imputata instabet hatja ta' traffikar u cioe` tar-reat ikkunsmat ta' traffikar u ghalhekk il-Qorti qed tqis it-tentattiv u l-komplicita` bhala alternattiva ghar-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (a).

Fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza illi l-Qorti ghandha tikkunsidra illi dan kien kaz ta' *sharing* u mhux traffikar, il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dan.  Fl-ewwel lok, it-traffikar *by sharing* xorta wahda jibqa' traffikar, izda fejn il-Qorti

jidhrilha illi l-kaz huwa wiehed ta' traffikar *by sharing*, tista', jekk jidhrilha xieraq, tapplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tieni lok, lanqas ma jista' jinghad illi l-kaz prezenti kien wiehed ta' traffikar *by sharing* da parti tal-imputata.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, deciza fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi tac-cirkostanza ta' *sharing* kif ikkontemplat fl-ewwel proviso ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik il-Qorti qalet hekk:

*"Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-suabrtikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Issa f'dan il-kaz, huwa evidenti illi l-imputata *a priori* kienet ser tipprokura d-droga eroina ghal Decelis, tant illi l-istess Decelis tatha wkoll il-flus ghal dan l-iskop. Ghalkemm fix-xhieda taghha l-imputata tghid illi dan kien kaz ta' *sharing* (u b'dan il-Qorti qeghda tifhem illi d-droga kienet ser tinqasam bejnha u bejn Decelis), hija stess qalet illi l-flus kienu ta' Decelis u li hi kienet ser tiehu ftit mill-istess droga wkoll. Dan ifisser illi d-droga kienet intiza *a priori* ghal Decelis, jew tal-inqas ghat-tnejn li huma, izda zgur illi mhux ghall-imputata biss, tant illi l-imputata marret il-Qorti sabiex tipprokura d-droga fuq inkarigu ta' Decelis, inghatat il-flus minghand l-istess Decelis u qalet li hija kienet ser tiehu ftit mill-istess droga. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi d-droga li kien behsiebha tipprokura l-imputata kienet intiza ghaliha u li din kienet ghall-uzu taghha u li hija kien behsiebha taghti ftit <u>mid-droga taghha</u> lil Decelis, fejn allura kien ikun kaz ta' traffikar *by sharing*. Anzi fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi Decelis talbitha biex iddahhal l-eroina gewwa l-Isptar Monte Karmeli biex tehodha l-istess Decelis ghaliex kienet *sick.* Dan ikkonfermatu wkoll Decelis fix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, il-Qorti tqis illi gie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputata hija hatja ta' traffikar tad-droga eroina.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputata giet akkuzata wkoll bil-pussess semplici tad-droga eroina. Issa kif inghad izjed il'fuq, ma giex ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputata fil-fatt ipprokurat id-droga eroina lil Decelis fil-jiem in kwistjoni. Madankollu, l-istess imputata fl-istqarrija taghha tghid illi terza persuna prokurat id-droga eroina lil Decelis. Tghid ukoll b'referenza ghal din id-droga illi hi u Decelis ghamlu zewg linji – wiehed ghaliha u l-iehor ghal Decelis – u kienu bdew jaharqu l-ewwel linja meta nkissret il-*lighter*. Anke fix-xhieda taghha, l-imputata tghid illi hija u Decelis kienu bdew jaharqu l-pakkett bl-eroina. Jirrizulta wkoll illi l-ghada instab *foil* mahruq bit-tracci tal-eroina taht l-imhadda ta' Decelis. Issa ghalkemm fl-istqarrija taghha, l-istess imputata tghid illi hija spiccat ma abbuzatx mid-droga dakinhar, jirrizulta car illi kemm Decelis, kif ukoll l-imputata kienu jinsabu fil-pussess tal-eroina tant li kienu ghamlu zewg linji - wahda kull wiehed – u bdew jaharqu l-ewwel linja. Il-ligi tippunixxi mhux biss l-abbuz tad-droga, izda wkoll il-pussess taghha u ghaldaqstant, anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputata ma kinitx lahqet abbuzat mill-eroina, hija wkoll kienet fil-pussess tal-istess. Ghaldaqstant l-imputata qed tinstab hatja wkoll ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena</u>**

Illi ghal fini tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputata li fiz-zmien tar-reati in kwistjoni kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija, f'zewg okkazzjonijiet, dwar pussess semplici ta' droga eroina, ghal-liema hija nghatat Ordni ta' *Probation* u liberazzjoni kundizzjonata rispettivament. Mill-fedina penali aggornata, jirrizulta illi sussegwentement, l-imputata regghet

instabet hatja dwar reati li jinvolvu d-droga u dwar serq semplici, dwar liema inghatat liberazzjoni kundizzjonata f'zewg okkazzjonijiet ohra u tqeghdet taht Ordni ta' *Probation.* L-ahhar reat taghha jirrisali ghas-sena 2010.

Ikkunsidrat ukoll illi fix-xhieda taghha tat-23 ta' Settembru 2013, **l-Ufficjal tal-*Probation*, Rhona Custo`** qalet illi hija ilha ssegwi lill-imputata minn Novembru tas-sena 2012 (fis-sentejn ta' qabel kienet qed tigi sewgita minn Ufficjal ohra). Skond ix-xhud, l-imputata ssostni illi ilha *clean* mid-droga ghal din l-ahhar sena u t-testijiet li ghamlitilha regolarment dejjem irrizultaw negattivi ghal kull sustanza. Qalet illi l-problemi tal-imputata huma izjed ta' natura psikologika u psikjatrika. Fis-Sajf tas-sena 2013, l-imputata dahlet ukoll gewwa l-Isptar Monte Karmeli fuq bazi volontarja u gie rivedut it-trattament taghha. L-andament taghha tjieb u zzomm kuntatt regolari max-xhud. Hija qalet illi kien hemm anke impenn min-naha tal-professjonisti nvoluti sabiex l-imputata taghmel zmien gewwa Dar l-Impenn biex anke taqta' l-mistura ghal kollox u wara tkun tista' tidhol gewwa Villa Chelsea. Qalet illi l-imputata ghandha problemi anke minhabba r-relazzjoni taghha mal-*partner* taghha u ghandha bzonn supervizjoni u gwida kontinwa. Skond ix-xhud l-imputata biddlet ir-residenza taghha anke biex toqghod il-boghod mit-tentazzjoni tad-droga. Qalet illi sakemm tkun f'kuntatt maghha, l-imputata tmur tajjeb, izda tehtieg gwida kontinwa.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 regghet xehdet l-istess Ufficjal tal-*Probation*, li qalet illi l-andament tal-imputata kien wiehed tajjeb u l-*urine samples* li ttehdulha baqghu negattivi, izda l-imputata kellha problemi ohrajn ikkawzati mill-fatt illi hija tghix ma' persuna li mhuwiex adatt ghaliha fis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha, apparti li l-imputata ssoffri minn problemi ta' sahha mentali. Il-pjan kien li fl-14 ta' Novembru 2013, l-imputata kellha tidhol gewwa Dar l-Impenn u mbaghad taghmel ftit xhur gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Wara kellha tidhol gewwa Villa Chelsea izda l-*waiting lists* kienu pjuttost twal. Fil-frattemp, kien hemm sforzi wkoll sabiex l-imputata tidhol gewwa *homes* ohrajn biex ma taghmilx zmien twil gewwa l-Isptar Monte Karmeli. L-istess Ufficjal tal-*Probation* xehdet ukoll fis-6 ta' Dicembru 2013.

Hija qalet illi l-imputata ddecidiet li ma tkomplix mal-pjan li gie mfassal ghaliha, ghaliex skond hi, ma xtaqitx li terga' tissakkar x'imkien fiz-zmien il-festi u qatghet qalbha. Fir-rigward tal-abbuz mid-droga, l-imputata kienet *clean*, izda kien hemm il-htiega li tindirizza l-problemi ta' natura psikjatrika.

Mir-rapport tal-istess Ufficjal tal-*Probation* esebit minnha fil-5 ta' Gunju 2014, jirrizulta illi minn meta din il-Qorti qeghdet lill-imputata taht Ordni ta' Supervizjoni Provizorja, fis-6 ta' Dicembru 2013, l-imputata ma baqghetx tattendi ghall-appuntamenti moghtija lilha mill-Ufficjal tal-*Probation*, minkejja diversi tentattivi anke biex isir kuntatt maghha. F'appuntament li attendiet ghalih l-imputata f'April 2014, hija ammettiet li ghalkemm ma kinitx qeghda taghmel uzu mid-droga, kienet qeghda tkun imdejqa hafna u kienet qeghda tabbuza wkoll minn medicina li hija suppost tiehu bhala sostitut ghall-eroina. Bil-kunsens tal-imputata ghalhekk, gie deciz illi tiddahhal gewwa l-Isptar Monte Karmeli biex tinghata ghajnuna ta' natura psikjatrika. Test li sarilha dakinhar stess tal-appuntament irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi lleciti. Fit-12 ta' April 2014, l-imputata ddahhlet gewwa l-imsemmi Sptar u bdiet tiehu l-kura u minn zjara li saritilha mill-Ufficjal tal-*Probation*, kien jidher illi l-imputata kienet qeghda thossha ahjar u ddecidiet li tohrog f'Mejju 2014. Minn dakinhar madankollu minkejja d-diversi tentattivi tal-Ufficjal tal-*Probation* sabiex l-imputata tattendi ghal appuntamenti maghha, dawn irrizultaw fin-negattiv. Mill-kuntatti fuq it-telefon, l-imputata tghid li tinsab tajba u li mhux qed taghmel uzu mid-droga, izda stante li falliet l-appuntamenti, ma setghux jittiehdu testijiet u lanqas ma setghet tkompli tinghata ghajnuna.

Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014, **l-imputata** xehdet illi miz-zmien in kwistjoni, hija kemm il-darba telghet l-Isptar Monte Karmeli, ghaliex apparti li kellha l-vizzju tad-droga, hija tbati b'*depression* u attendiet ghall-programmi. Qalet illi ilha kwazi tlett snin hielsa mid-droga, li hija kienet taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' hames snin u li din spiccat f'Dicembru 2013, izda l-Qorti regghet appuntat Ufficjal tal-*Probation* sabiex isegwiha. Qalet illi fl-ahhar jiem ma baqghetx tmur ghall-appuntamenti mal-*Probation Officer* ghax ghandha hafna problemi bit-tifla taghha ta' hmistax-il sena li ppruvat tikkommetti suwicidju

darbtejn. Qalet illi hija baqghet f'kuntatt mal-Ufficjal tal-*Probation* u dejjem tat *supervised urine samples*, izda minn kemm ilha li ntemmet l-Ordni tal-*Probation*, hija falliet fl-appuntamenti. L-Ufficjal tal-*Probation* tikkuntatjaha u jitkellmu fuq it-telefon, izda minhabba l-problemi tat-tifla ma marritx ghal dawn l-appuntamenti.

Il-Qorti kkunsidrat ghalhekk illi l-imputata jidher li rrijabilitat ruhha mill-vizzju tad-droga u li ghamlet progress sostanzjali f'dan ir-rigward, b'dan illi ghad ghandha problemi ta' natura psikjatrika, li fil-konfront taghhom lanqas ma qeghda tghin ruhha ghal kollox, konsiderat l-isforzi li kienu qeghdin jaghmlu l-professjonisti nvoluti sabiex tinghata l-ghajnuna lill-istess imputata. Qieset ukoll, kif inghad izjed il'fuq, illi ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi, illi kienet l-imputata li fil-fatt dahhlet id-droga eroina gewwa l-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ghalkemm il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jirrisalu ghas-sena 2005, hafna mid-dewmien fl-istess kawza kien dovut ghan-nuqqas tal-imputata li tidher ghas-seduti mizmuma. Huwa minnu wkoll illi l-imputazzjonijiet odjerni gew pprezentati f'Jannar 2008 u l-ewwel seduta nzammet f'Dicembru tal-istess sena, izda jirrizulta wkoll mill-atti tal-kawza illi l-imputata naqset milli tidher ghas-seduti, meta kienet debitament notifikata, f'seba' okkazzjonijiet u f'zewg okkazzjonijiet ohra ma nstabitx ghalkemm inhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha u kien hemm okkazzjoni wkoll fejn kienet rikoverata gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Ghalhekk kien hemm ghaxar seduti fejn il-kawza ma setghetx timxi l-quddiem minhabba li l-imputata ma dehritx.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jirrigwarda l-multa applikabbli ghar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u l-multa li qeghda tinfliggi l-Qorti fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata.

Il-Qorti qeghda tirrakkommanda lid-Direttur tal-Habs illi l-hatja tinzamm gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli u illi tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja. Qeghda wkoll tordna li din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Il-Qorti **m'hijiex** qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reati in kwistjoni sehhew qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u

lanqas ma saret talba ghall-hlas ta' tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emenda relattiva.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jifformaw parti mill-process verbal esebit a fol. 20 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------